# It-Tfajla tal-Ħolm

Anne Marie Scerri

Iltqajt magħha b'kumbinazzjoni. U bħal ma jgħidu, dak li jiġri bla ħsieb m'hawnx isbaħ minnu. Kelli biċċa xogħol barra mill-pajjiż u ltqajt magħha l-ajruport. Skoprejt li kienet se tkun taħdem miegħi u għall-bidu, nammetti, li kont xi ftit xettiku dwarha. Kellha xeħta ta' tfajla fuq ruħha, u li ma tħalli lil ħadd jagħmel biha li jrid. Ilbiesha pulit, iżda kemxejn provokanti mill-ewwel pinġieli f'moħħi tfajla li tuża lil kulħadd kif jogħġob lilha u tagħmel lil kulħadd tapit tagħha. Tfajla li kapaċi tikkontrolla d-dinja tal-oħrajn sewwa. Minn moħħi bdew għaddejjin salt ħsibijiet u kont kważi konvint li din il-biċċa xogħol li fdawli ma kinitx se tkun suċċess ladarba ridt naħdem ma' tigra bħal din.

Din kienet l-ewwel esperjenza tiegħi li nagħti lekċer lil studenti f'univeristà 'l barra minn pajjiżi. Kont eċitat mhux ftit u b'din it-tfajla xagħarha isfar miegħi l-eċitament kompla jiżdied mhux ħażin. Ma stajtx nifhem għaliex qatt ma kienu qaluli biha, jew għallinqas avżawni li se tiġi. Xi waqtiet bdejt naħseb li din kienet xi ċajta goffa minn ta' sħabi tax-xogħol, jew inkella, li din ratni ndur waħdi fl-ajruport u riedet taqbad miegħi. Kienet tidher it-tip li ma tiddejjaqx tidħol għal avventuri strambi u riskjużi.

Fuq l-ajruplan ma waqfitx titkellem u għalkemm jien kont il-ħin kollu nteftef ġol-ktieb li kelli, hi ma qatgħetx qalbha milli tkompli d-diskursata. Fi vjaġġ ta' tliet sigħat ilħaqt sirt naf dwar il-kisbiet u l-ambizzjonijiet kollha li din it-tfajla għajnejha blu kienet iġġorr magħha. U għalkemm jien qtajtha

tfajla moħħ ir-riħ jew moħħ l-irġiel, dak li bdiet tgħidli wrieni naħa oħra li jien ma kontx immaġinajt, aħseb u ara rajt wara dik l-apparenza kiesħa u arjuża. Minn kliemha, kienet tidher li tieħu x-xogħol u l-istudju bis-serjetà u għalhekk bdejt bħal donni nitħawwad jekk għandix nemmen lil moħħi li beda jgħidli li din qed tidħak bija, jew nemmen lilha li bdiet tgħidli b'dak kollu li għamlet u beħsiebha tagħmel fil-futur b'ton daqshekk ġenwin u konvinċenti.

Hekk kif wasalna l-ajruport u kont se ngħidilha riditx tirkeb miegħi sal-lukanda, qaltli li kellha xi qadjiet importanti x'tagħmel qabel. Ma staqsejtha xejn aktar għax kont għadni nħossni imbarazzat u mistħi bil-preżenza tagħha. Kont qed nistħajjel lil kulħadd iħares lejja u jidħak bija. Bħal donni ffissajt li fuq wiċċi għandi miktuba d-dubji u t-taħwid li ġabitli magħha din it-tfajla xagħarha dehbien u għajnejha lewn is-sema. Ħassejt li kulħadd jaf li jien kont bħal mitluf, li jien kont qed nivvjaġġa ma' xi ħadd li ma nafx. U għalhekk ħadt ir-ruħ xħin qaltli li se titlaq u mbagħad terġa' tiltaqa' miegħi l-għada fl-università. Iżda hekk kif kont se nħaffef il-pass u naħrab minn ħdejha bħal għasfur inċert għandux iħalli l-bejta jew le, għajtitli, u mill-basket li kienet qed iġġorr f'idha ħarġet envelopp kbir kannella. Qaltli biex inżommulha sa l-għada meta naraha l-università. Bil-fixla u l-ġenn li kelli biex nitlaq, spiċċajt ngħidilha grazzi jien minflok nistenna lilha tirringrazzjani. Ħtaft l-envelopp u tlaqt niġri nfittex taksi.

Minn dakinhar li tlaqt bħal imwerwer mill-ajruport m'erġajtx rajtha aktar lil din it-tfajla xagħarha lewn il-qamħ u għajnejha lewn il-baħar. Għamilt erbat ijiem indur fl-università bl-envelopp f'idi mal-bqija tal-karti l-oħra kollha li kont inġorr miegħi. Fittixtha fuq li fittixtha iżda qatt ma rajtha mkien. Għall-ewwel ridt insibha biex nagħtiha dak li kien tagħha u li għal xi raġuni kont qed inżommu jien, iżda mbagħad bdejt infittixha għax ridt naraha. Ftit, ftit qisni kont ħadt grazzja magħha. Bċejjeċ tal-imġienen, imma ġrawli. Bdejt ninġibed lejha mingħajr ma kont qed naraha, mingħajr ma kont naf xejn dwarha, mingħajr ma qattajt ftit żmien sew magħha. Spiċċawli l-jiem fl-università u kelli naqbad triqti lura lejn dari. Bqajt ma rajtha qatt u bqajt bl-envelopp f'idi.

Bilqiegħda fuq l-ajruplan waħdi ħriġt l-envelopp mill-bagalja u għall-ewwel darba dawwartu f'idi u ħarist lejh sew. F'daqqa waħda ntbaħt li fuqu kien hemm ismi, miktub b'ittri żgħar u puliti. Ma kontx ktibtu jien żgur u kont naf fiċ-ċert li dan kien l-envelopp li tatni hi, ma setax ikun li bdiltu

ma' xi envelopp ieħor. Issa kelli raġuni għalxiex niftħu. U issa kelli raġuni akbar għalxiex inħobbha mingħajr ma naraha jew inkellimha. Dak li sibt fl-envelopp kien biżżejjed biex iressaqna qrib u tibda mħabba mhux tas-soltu.

****

Tfajla xagħarha lewn id-deheb u għajnejha lewn is-sema safi ma tehda toħlom qatt. Għaliha l-ħolm serħan bnin. Għaliha l-ħolm dinja ġdida b'art ratba tat-tajjar; fejn kollox hu speċjali, fejn kollox hu għal dejjem. U dak li għal ħaddieħor ma jiswiex jew jrendix, għaliha hu bħal mitqlu deheb, bħal għana ta' bla tarf.

*Fil-ħolm li toħlom qalbha hemm xeni u ritratti li għandhom ħajja eterna. Xejn u ħadd ma jmut. U jgħaddi kemm jgħaddi żmien kollox jibqa' frisk u ċar daqs l-ewwel darba li mess il-bieb ta' qalbha. Iċ-ċpar, id-dlam u x-xita ma jidhru qatt u l-istampi u x-xenarji ma jiżżellgu qatt. Fis-skiet ta' din id-dinja moħbija fil-fond ta' qalbha, din it-tfajla għandha ħajja oħra: ħajja li ħadd ma jaf u li fiha ssib refuġju, dar kennija li tħobbha u tilqagħha kif inhi. Il-ħolm midfun ġo qalbha, mistur minn għajnejn kulħadd hu bħan-nifs li jagħti l-ħajja u li jmexxi lill-bniedem 'il quddiem. Kull pass li għamlet iltaqgħet miegħu qabel, kull esperjenza li tħoll il-qalb messitha qabel għax il-ħolm tagħha kien wassalha hemm qabel kollox u kulħadd. Bil-modi sempliċi tagħha, din it-tfajla għandha ħajja itwal milli taħseb hi. Il-ħolm isuqha, il-ħolm jgħajjixha.*

*Iżda meta l-ħolm tal-qalb jaħbat mal-ħolm tal-moħħ tibda maltempata stramba. Terremot iriegħed il-qalb u serp makakk jipprova jidħol jaħtaf dak il-ħolm sabiħ. It-tfajla xagħarha lewn il-qamħ safrani u għajnejha lewn il-baħar ma tobsorx li l-ħolm ikrah jista' jmiss lilha wkoll. Fuq kollox ma tistax temmen li l-ħolm jiddiżappuntaha, jiksrilha qalbha u jċarċrilha demgħa. Dak l-istess ħolm li żammha ħajja, issa qed jinbidel f'velenu li joqtol fin fin. U l-ftit drabi li dduqu, il-ħolm ikrah tidfnu 'l ġewwa fil-fond bit-tama li tinsieh għal dejjem. Iżda s-serp makakk ma jaqta' qalbu qatt u dak li ma jirnexxilux illum jippruvah għada. Sakemm jasal dak il-mument li l-ħolm ikrah isaltan assolut fuq il-lejl sewdieni. U jsir hu l-imgħallem ta' kollox. Isir hu l-kaptan tax-xini tal-ħsibijiet li jofroq il-mewġ ta' kull lejl.*

*Wara l-għajnejn mil-lewn kaħlani tas-sema u l-baħar f'daqqa, taħt ix-xagħar dehbien mil-lewn ix-xemx, u wara dik it-tbissima safja minn tal-anġli jgħix fis-sikta u l-paċi l-ħolm tal-qalb u l-moħħ. Għalkemm wieħed għandu togħma minn tal-ġenna u riħa ta' ferħ veru, u l-ieħor ikemmex ix-xofftejn bil-qrusa u jagħsar l-għajnejn bid-dmugħ jaħraq il-ħaddejn, xi mkien 'il ġewwa*

*nett dawn it-tnejn jgħixu f'armonija waħda. B'xi mod misterjuż iridu jgħixu t-tnejn flimkien ġol-istess tempju u jifirxu s-saltna tagħhom fl-istess spazju. Mingħajr wieħed m'hemmx l-ieħor. Bil-modi differenti tagħhom, li jagħżluhom minn xulxin, jagħtu definizzjoni u saħħa lil xulxin. Mingħajr il-mumenti tqal ta' diqa li jaħslu l-ġisem bl-għaraq, hekk kif il-moħħ jiftaħ il-ktieb tal-ħolm iswed, il-mumenti ta' hena bla tarf, ta' ferħ li jnissel tbissim ġenwin fuq il-fomm u fl-għajnejn ileqqu, ma jistgħux ikunu apprezzati tassew. L-ikrah jagħti definizzjoni lis-sabiħ, u s-sabiħ jagħti valur lill-ikrah.*

*Il-ħolm tat-tfajla donnha ż-żerniq ta' jum ġdid fir-rebbiegħa huwa piż ħafif li ġġorru maqful fil-bagalji ta' moħħha u ta' qalbha. Tieħdu magħha kull fejn tmur għax m'hemmx bżonn passaporti jew biljetti għal dawn il-bagalji mfawra. Jgħaddu u jidħlu kullimkien mingħajr ħadd jinduna. Huma bħal dinja ċkejkna ċkejkna li tgħix u tivvjaġġa f'dinja akbar. Ħadd ma jafha, ħadd ma jwaqqafha, ħadd ma jistaqsiha xejn għax id-dinja ħolliema ta' din it-tfajla wiċċha tari u sabiħ bħall-ħawħ, xagħarha dehbien u għajnejha ikħal nir, taraha u tħossha biss il-qalb mimlija mħabba.*

****

Iltqajt magħha b'kumbinazzjoni. U bħal ma jgħidu, dak li jiġri bla ħsieb m'hawnx isbaħ minnu. Kelli biċċa xogħol barra mill-pajjiż u ltqajt magħha l-ajruport. Skoprejt li kienet se tkun taħdem miegħi u nammetti, għamilt aktar qalb xħin sirt naf li ser tiġi miegħi. Kellha xeħta ta' tfajla fuq ruħha, iżda fl-istess ħin ħelwa u sinċiera. Ilbiesha pulit, u suritha sabiħa mill-ewwel pinġewli f'moħħi tfajla li kapaċi tlaħħaq ma' kull tentufa tax-xogħol u fl-istess waqt tieħu ħsieb lilha nnifisha mill-aħjar. Tfajla li kapaċi tikkontrolla d-dinja tagħha sewwa. Minn moħħi bdew għaddejjin salt ħsibijiet u kont kważi konvint li din il-biċċa xogħol li fdawli kienet se tkun suċċess ladarba ridt naħdem ma' tigra ħelwa u mansa bħal din.